

31996D0414

L 167/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.7.1996

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Lulju 1996

li tikkonċerna miżuri protettivi fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' l-annimali u l-prodotti ta' l-annimali mill-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja minħabba t-tfaqqigħ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(96/414/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990 li tfassal il-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-iċċekjar veterinarju fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/52/KE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 (6) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tfassal il-prinċipji ġenerali ta' l-organizzazzjoni ta' l-iċċekjar vetrinarju fuq l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u jemendaw id-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE⁽³⁾, kif l-aħħar emendati bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 18 (1) tiegħu,

Billi t-tfaqqigħ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer sar fl-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (Erjtm); billi, fuq il-bażi ta' ispezzjoni tal-Kummissjoni mwettqa fil-post, jidher li l-awtoritajiet fl-Erjtm m'humiex kapaċi jinfurzaw il-kontrolli neċessarji biex jipprevenju it-tixrid tal-mard;

Billi s-sitwazzjoni fl-Erjtm tippreżenta theddida serja għall-merħliet fl-Istati Membri fid-dawl tal-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-annimali;

Billi huwa xieraq li jittieħdu miżuri neċessarji biex jipproteġu l-Komunità mir-riskju ta' l-introduzzjoni ta' din il-marda;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/242/KEE tat-30 ta' April 1993 li tikkonċerna l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom li joriġinaw minn ċerti pajjiżi Ewropej in relazzjoni mal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 95/295/KE⁽⁵⁾, li tipprovdi għall-projbizzjoni ta' l-importazzjoni ta' l-annimali ħajjin ta' l-ispeċi suxxettibli minn u li jgħaddu minn ċerti pajjiżi inkluża l-Erjtm; billi din id-Deċiżjoni tħalli, taħt ċertu kundizzjonijiet, l-importazzjoni tal-laħam frisk u ċerti prodotti tal-laħam minn jew li jgħaddu minn dawn il-pajjiżi; Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/325/KE⁽⁷⁾, tfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom Stati Membri huma awtorizzati li jimpurtaw ħalib mhux maħdum, ħalib trattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib; billi l-Erjtm hi nkluża f'din il-lista; billi hu neċċessarju li tassigura li kwalunkwe prodotti tal-ħalib isirilhom trattament suffiċjenti biex jiddistruġġi l-virus;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tfassal il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw l-kummerċ fi u importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li m'humiex bla ħsara għall-ħtiġijiet msemmiha fir-rigward tar-regoli tal-Komunità riferuti fl-Anness A (I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, lid-Direttiva 90/425/EEC⁽⁸⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/405/KE⁽⁹⁾, li tfassal il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tal-qxur ta' l-annimali, ġild u ġilda, għadam u prodotti ta' l-għadam, qarn jew prodotti tal-qarn, trofej ta' l-annimali u suf u xagħar mhux ipproċessat, billi dawn il-prodotti jistgħu jkunu importati biss jekk ikunu trattati b'tali mod li jiddistruggu l-virus; billi, madanakollu, ċerti prodotti oħrajn jistgħu xorta jkunu importati; billi l-materjal jikkostitwixxi riskju;

⁽¹⁾ ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 16.

⁽³⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56.

⁽⁴⁾ ĠU L 110, ta' l-4.5.1993, p. 36.

⁽⁵⁾ ĠU L 182, tat-2.8.1995, p. 30.

⁽⁶⁾ ĠU L 200, ta' l-24.8.1995, p. 38.

⁽⁷⁾ ĠU L 123, tat-23.5.1996, p. 24.

⁽⁸⁾ ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.

⁽⁹⁾ ĠU L 165, ta' l-4.7.1996, p. 40.

Billi huwa neċessarju li għalhekk tipprojbixxi l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-annimali mill-Erjtm; billi madanakollu ċerti prodotti jistgħu jkun importati jekk isirulhom trattamenti speċifiċi;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/242/KEE hi emendata kif ġej

1. Fl-Anness A, postilla (1) li għandha x'taqsam ma' l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hi mħassra.
2. Fl-Anness B, il-kliem "Ex Repubblika tal-Maċedonja" huma mħassrin.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ħalib u l-prodotti ibbażati fuq il-ħalib li joriġinaw fl-Erjtm sakemm ma jkunx sarilhom trattament li jikkonforma mall-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 95/340/KE.

2. B'żieda mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 93/242/KEE, l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti li ġejjin tal-bovini, ovini, kaprini u speċi bi-ungulati li joriġinaw fit-territorju ta' l-Erjtm:

- demm u prodotti tad-demm kif deskritti fl-Anness I, Kapitolu 7 tad-Direttiva 92/118/KEE,
- materjali mhux maħdumin għall-fabrikazzjoni ta' l-ikel ta' l-annimali u prodotti farmaċewtiċi jew tekniċi kif deskritti fl-Anness I, Kapitolu 10 tad-Direttiva 92/118/KEE,

— demel ta' l-annimali kif deskritt fl-Anness I, Kapitolu 14 tad-Direttiva 92/118/KEE.

3. Il-projbizzjoni riferuta fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 2 m'għandhiex tapplika għall-prodotti tad-demm li jkun sarilhom it-trattament li hemm provdut fl-Anness I, Kapitolu 7 (3) (b) tad-Direttiva 92/118/KEE.

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li ċ-ċertifikati li jakkompanjaw prodotti tad-demm trattati b'mod konformi mall-paragrafi 1 jew 3 u awtorizzati li jkunu mibgħuta mill-Erjtm għandhom iġorrru l-kliem li ġej:

"Prodotti ta' l-annimali li jikkonformaw mad-Deċiżjoni 96/414/KE li jikkonċernaw miżuri protettivi fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' l-annimali u prodotti ta' l-animli mill-Ex Repubblika Federali tal-Maċedonja, minħabba t-tfaqqigħ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer."

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li huma japplikaw fil-kummerċ sabiex iġibuhom b'mod konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom mill-ewwel jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, l-4 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni